# HERITAGE MALTA TNIEDI PORTAL INTERATTIV ĠDID DWAR IR-REĠJUN TAL-KOTTONERA

**Stqarrija | 1 ta' Novembru 2024**

Heritage Malta varat portal interattiv ġdid dwar ir-reġjun tal-Kottonera bil-għan li jiġi offrut lill-pubbliku mod ġdid ta' kif jesplora l-istorja u l-kultura għanja tat-tlett ibliet tal-Birgu, Bormla u l-Isla, kif ukoll il-Kalkara. L-isem tal-portal interattiv hu *Tales of Kottonera*.

Dan il-portal, żviluppat minn Heritage Malta b'kollaborazzjoni ma' Marketlink Ltd, fih minjiera ta' riżorsi, fatti storiċi, rakkonti inqas magħrufa, u kurżitajiet interessanti dwar dawn l-inħawi ikoniċi. Il-kontenut huwa mfassal għal diversi etajiet u udjenzi – minn tfal żgħar sa turisti u dilettanti tal-istorja.

Waqt it-tnedija tal-portal, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici, irrimarka li, "Dan il-portal jirrifletti d-dedikazzjoni tagħna għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali, filwaqt li jiżgura li l-istejjer tal-Kottonera jilħqu udjenza wiesgħa. Jiċċelebra mhux biss il-meravilji arkitettoniċi u l-figuri storiċi tar-reġjun, iżda wkoll il-ħajja ta' kuljum ta' nies li sawru l-identità ta' Malta matul is-sekli."

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Alison Zerafa Civelli, qalet li, "Bit-tnedija ta' *Tales of Kottonera* qed insaħħu r-rabta tagħna ma' dawn iż-żoni sinifikanti u nagħmlu l-wirt tagħna aktar aċċessibbli kemm għar-residenti Maltin kif ukoll għall-viżitaturi. Dan il-portal huwa eżempju sabiħ ta' kif it-teknoloġija u l-istejjer jistgħu jingħaqdu flimkien biex jispiraw lill-ġenerazzjonijiet futuri."

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, ikkummenta li, "B' *Tales of Kottonera*, l-aġenzija qed tkompli tnaqqas id-distakk bejn il-passat u l-preżent, u tagħti l-ħajja lill-istejjer vibranti tal-Birgu, l-Isla, Bormla u l-Kalkara għal kull età. Ridna nipprovdu esperjenza interattiva u immersiva li tistieden lil kulħadd jiskopri l-għeruq ta' dawn l-ibliet straordinarji, u niċċelebraw it-tradizzjonijiet u r-reżiljenza li jiddefinixxu lin-nies tar-reġjun tal-Kottonera."

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta